# Ġużeppi Baldacchino

## President - Skultur - Disinjatur

### Kitba tal-Kan. Joe Abela





Bniedem minsi: Bniedem li ftit li xejn niftakru fih meta nitkellmu jew niktbu dwar l-istorja tal-arti jew il-mużika fiż-Żejtun huwa bla dubju Ġużeppi Baldacchino li kien mhux biss wieħed mill-ewwel Presidenti tal-Banda Beland, iżda wkoll skultur u disinjatur. Tant hu hekk li meta ġejt mitlub biex nikteb dwaru, saqsejt lili nnifsi x'se ngħid dwaru, aktar u aktar li issa ma nistax nagħmel riċerka speċjali peress li ninsab magħluq f'dari minħabba saħħti. Iżda bejn li ftakart xi ħaġa dwaru kif ukoll l-għajnuna imprezzabbli li tani Pawlu Zammit, is-sagristan ħabrieki tal-knisja parrokkjali tagħna, ħsibt li kelli ftit tal-materjal biex inkun nista' nikteb l-artiklu dwar dan il-minsi, iżda importanti, Ġużeppi Baldacchino.



Introito
Bilancio riportato £ 10. 18. 2.
11. 5
£ 10 6 9
Allo Scultore Giuseppe Baldacchino per 3 disegni, 1 uno del Conopeo e 2 del paliotto e copie e spese £ 4.
£ 6 6 9
Al ... Giovanni ... doratore per trasporto della Cornice 7.
Bilancio £ 5 19. 9.
Questo bilancio è riportato al Quaderno No 1 al foglio 70.

Ħlas ieħor lil Baldacchino għad-disinn tal-kanopew u l-vent'artal tal-festa.

Il-każin Beland fi żmienu: Ġużeppi kien wieħed mill-ewwel Presidenti tal-Każin u Banda Beland. Fil-bidunett ma kinetx issir distinzjoni bejn il-President u d-Direttur tal-banda; kienu jkunu l-istess persuna. Madanakollu, Baldacchino kien l-ewwel President effettiv tas-Soċjetà meta f'Settembru tal-1888 saret l-għaqda statutorja. Dan fi żmien meta s-sede tal-banda Beland kienet f'dar biswit il-Bażilika tal-Bon Kunsill filwaqt li s-sede tal-lum kienet wisq differenti milli kif narawha llum. Id-daħla prinċipali ma kinetx minn quddiem il-knisja parrokkjali iżda minn Triq Santa Katarina. Il-parti tal-każin fejn illum hemm is-sala tal-bar kienet ghadha bitħa filwaqt li fin-nofs kien hemm siġra għolja. Iżda l-kamra laterali li għamlet żmien twil użata bħala l-kamra tal-bitħa mhux biss kienet teżisti iżda kellha saqaf mibni troll u mpitter sabiħ b'tifkiriet ta' GioBatta Diacono u l-ewwel mara tiegħu, li jġibu d-data tal-1813.



Li 4 Aprile 1900 ... 32.
Conto del Sigr. M. R. Sac. Don. Carmelo Vella Procuratore del Altare di Crocifisso sito in Chiesa Parrocchiale del Zeitun
Dare al Maes. Giuseppe Baldacchino
per lavoro di guarnicio del ventartare di legnio intalliato
spese di legnio e tartri £ 0-9-1½
lavoro del falegniame 0-15-0
lavoro di intalio 3-19-6
disegnio del raccomo 1-0-0
6-3-7½
Giuseppe Baldacchino
MALTA ONE PENNY

Fl-1900 Baldacchino iddisinja u ħadem il-vent'artal ta' l-artal tal-kurċifiss.

L-importanza ta' Baldacchino: Illum l-aktar persuni importanti ġewwa ż-Żejtun huma l-Arċipriet, is-Sindku, il-Presidenti taż-żewġ baned u t-tabib tar-raħal. Iżda fi żmien Baldacchino, is-Sindku kif nafuh illum magħżul miż-Żwieten ma kienx jeżisti. Dr. Paolo Curmi, li ma kienx Żejtuni u li kien l-aħħar Sindku impost mill-Gvern Kolonjali kien miet ftit tas-snin qabel. Allura Ġużeppi Baldacchino, President tal-unika banda fiż-Żejtun, kellu importanza relattiva fir-raħal tagħna għaliex kien jiġi wara l-kappillan u t-tabib. Biex nifhmu sewwa l-importanza tal-President tal-Banda niftakru f'dak li kien ġara mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi li ma ridux lill-Banda Beland takkumpanja fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien qam ħafna nkwiet.

Iżda fl-aħħar għaddiet tal-bandisti u mhux tal-Isqof. Saħansitra wkoll Dr. Paolo Curmi kien tħabat għalxejn biex jikkalma l-affari.


Li 1 Dicembre 1904
Molto Reverendo D: Felice Micallef
Procuratore del Santissimo Viatico della
Chiesa di Zeitun
Dare al Mr: Giuseppe Baldacchino
di lavoro di intaglio fatto in croce d'ebba-
no, della compagnia dello stesso santissimo
Viatico £ 14-0-0
Giuseppe Baldacchino
Sodisfatto

1904 il-prokuratur tas-Sagrament Dun Feliċ Micallef ħallas lil Ġużeppi Baldacchino is-somma ta' £14 għal disinn u xogħol

## L-iskultura ta' Baldacchino:

Baldacchino kien ukoll skultur għalkemm mhux ta' fama kbira. Kien miżżewweġ fil-familja rinomata ta' Xandru Farrugia u ibnu Giovanni u allura żgur li mingħandhom kien tgħallem xi ħaġa mhux ħażin. Ha nsemmu xi xogħlijiet fl-iskultura li Baldacchino għamel fil-ġebla Maltija kif ukoll fl-injam. Ma nafux jekk qattx ħadem fil-kartapesta. Bħala xogħol tiegħu fil-ġebla Maltija insemmi biss dak li jiena ċert minnu, fosthom il-lapidi tal-ġebel bl-iskultura 'basso riljiev' li hemm fuq l-oqbra tal-qassisin fiċ-ċimiterju ta' Santa Katarina. Dawn jirrappreżentaw lill-qaddisin mitluba li jinterċedu għall-erwieħ tas-saċerdoti midfuna hemm. Fost dawn is-saċerdoti hemm Dun Ġwann 'tal-għaġin', qassis li jgawdi fama ta' qaddis, u Dun Karm Galea. Dan ix-xogħol artistiku jinsab eżattament faċċata tal-bieb prinċipali tal-knisja ta' San Girgor. Ħadem ukoll numru kbir ta' gandlieri għal diversi altari tal-knisja parrokkjali. Kien żmien meta l-prokuraturi tad-diversi altari kienu kważi qed jimpikaw biex iżejnu l-altari. Kien hu illi rrestawra wkoll l-altar tal-kor. Minn riċerka li għamilna fl-arkivju parrokkjali nsibu li huwa wettaq bosta xogħlijiet ta' skultura fil-parroċċa ta' raħal twelidu. Huwa tħallas is-somma ta' 27 skud għal sitt gandlieri għall-altari kollha biex jintramaw fil-festi tagħhom. Ħadem u tħallas ukoll għal 15-il kandelabru kif ukoll għal żewġ galleriji għall-orgni tal-parroċċa. Fis-sena 1880 ħadem u tħallas is-somma ta' 51 skud għal xogħol ta' restawr fuq il-vara ta' Santa Katarina. Fis-sena 1900 iddisinja u ħadem il-vent'artali tal-altari tal-kurċifiss u tar-Rużarju kif ukoll iddisinja l-vent'artal tal-festa. Xogħol ieħor ta' preġju li ħadem Baldacchino huwa s-salib tal-ebbanu għall-fratellanza tas-Ss.mu, Sagrament li għadu jintuża sal-lum. Fuq barra ddisinja u ħadem l-iskultura fuq il-pedestall tal-istatwa ta' b'għaxra - l-ispozalizju ta' Santa Katarina.



In-niċċa ta' Santa Katarina ddisinjata u maħduma minn Baldacchino

## Disinjatur:

Jidher ukoll li Bladacchino kien disinjatur ta' kapaċità ġmielha. Nafu li kien hu li ddisinja u ħadem in-niċċa ta' Santa Katarina, kopja fidilissima tal-fonti tal-magħmudija. Iddisinja wkoll l-istandard tal-fratellanza tar-Rużarju, xogħol mill-isbaħ u ta' reqqa kbira. Tiegħu wkoll huwa d-disinn tal-vent'artal irrakkmat tal-artal ta' San Ġużepp. Kien Baldacchino wkoll illi ddisinja s-salib famuż interzjat tal-istatwa tar-Redentur, xogħol mill-isbaħ tal-imgħallem Mosè Dalmas. Sintendi ddisinja wkoll il-bradella għall-istess statwa tar-Redentur. Magħhom iddisinja wkoll il-bradelli tal-Veronika, ta' Kristu fl-Ort. Dan kien fi żmien meta l-prokuraturi tar-Redentur u tal-Veronika kienu l-familja Abela, l-antenati tiegħi. Fil-parroċċa tagħna nsibu aktar xogħol li ħareġ minn idejn Ġużeppi Baldacchino fejn jidħol id-disinn. Fost dawn ta' min isemmi d-disinn tal-kanopew irrakkmat tal-festa kif ukoll id-disinn tar-rakkmu għall-istess vent'artal.



Il-famuż Salib tar-Redentur maħdum mill-ebbanista Mos' Dalmas fuq disinn ta' G. Baldacchino

Kollox allura jindika li aħna ż-Żwieten ma mxejniex bil-ġustizzja meta lil dan Ġużeppi Baldacchino nsejnieh għal kollox. Hekk qed nagħmlu l-parti tagħna biex jiġi magħruf aktar mal-poplu, poplu li jagħraf japprezza x-xogħol li Baldacchino ħadem għall-parroċċa tagħna.